(2) F'liema ċirkustanzi għandu jitqies li relazzjoni ta' xogħol hija mal-"Istat", fis-sens tal-Klawżola 5 tad-Direttiva 1999/70/KE u b'mod partikolari wkoll tal-espressjoni "setturi (speċifiċi) u/jew kategoriji (…) ta' ħaddiema", b'tali mod li jkunu jistgħu jiġu ġġustifikati konsegwenzi differenti meta mqabbla mar-relazzjonijiet ta' xogħol privati?

(3) Fid-dawl ta' dak speċifikat fl-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78/KE [2] u fl-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54/KE [3], il-kunċett ta' kundizzjonijiet tal-impjieg użat fil-Klawżola 4 tad-Direttiva 1999/70/KE jinkludi wkoll il-konsegwenzi tat-terminazzjoni illegali tar-relazzjoni ta' xogħol? Fl-eventwalità li d-domanda li għadha kemm saret tingħata risposta fl-affermattiv, id-differenza fil-konsegwenzi normalment previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali fir-rigward tat-terminazzjoni illegali tar-relazzjoni ta' xogħol għal żmien indeterminat u għal żmien determinat tista' tiġi ġġustifikata fis-sens tal-Klawżola 4?

(4) Fid-dawl tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, Stat huwa prekluż milli jippreżenta, fi proċedura għal deċiżjoni preliminari fejn tintalab l-interpretazzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, qafas leġiżlattiv nazzjonali li intenzjonalment ma jkunx jikkorrispondi għal dak reali, u l-qorti hija obbligata, fl-assenza ta' interpretazzjoni differenti tad-dritt nazzjonali li tkun ukoll tissodifa l-obbligi li jirriżultaw mis-sħubija fl-Unjoni Ewropea, li tinterpreta, sa fejn possibbli, id-dritt nazzjonali inkonformità mal-interpretazzjoni proposta mill-Istat?

(5) Il-kundizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni ta' xogħol, previsti fid-Direttiva 91/533/KEE [4] u b'mod partikolari fl-Artikolu 2(1) u (2)(e), jinkludu l-indikazzjoni tal-każijiet li fihom il-kuntratt ta' xogħol għal żmien determinat jista' jiġi ttrasformat f'kuntratt għal żmien indeterminat?

(6) Fl-eventwalità li d-domanda preċedenti tingħata risposta fl-affermattiv, emenda b'effett retroattiv tal-qafas leġiżlattiv ta' natura tali li ma tiggarantixxix lill-ħaddiem impjegat il-possibbiltà li jinvoka d-drittijiet tiegħu taħt id-Direttiva, jiġifieri li ma tiggarantixxix l-osservanza tal-kundizzjonijiet tax-xogħol indikati fid-dokument ta' reklutaġġ, hija kuntrarja għall-Artikolu 8(1) tad-Direttiva 91/533/KEE u għall-għanijiet ta' din id-direttiva, b'mod partikolari għall-għan iddikjarat fit-tieni premessa?

(7) Il-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju applikabbli dwar iċ-ċertezza legali, il-protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, l-opportunitajiet ugwali għall-partijiet, il-protezzjoni ġudizzjarja effettiva, l-aċċess għal qorti indipendenti u, b'mod iktar ġenerali, id-dritt għal smigħ xieraq, iggarantiti fl-Artikolu 6(2) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (kif emendat bl-Artikolu 1(8) tat-Trattat ta' Lisbona u li jirreferi għalih l-Artikolu 45 tat-Trattat dwar l-Unjoni) — ikkunsidrat flimkien mal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali, iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950, u mal-Artikoli 46, 47 u 52(3) tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ipproklamata f'Nice fis-7 ta' Diċembru 2000, kif ikkonfermati mit-Trattat ta' Lisbona — għandhom jiġu interpretati fis-sens li jipprekludu, fil-kamp ta' applikazzjoni tad-Direttiva 1999/70/KE, l-introduzzjoni mill-Istat Taljan, wara perijodu ta' żmien kunsiderevoli (tliet snin u sitt xhur), ta' dispożizzjoni leġiżlattiva, bħalma hija l-Artikolu 9 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 70, tat-13 ta' Mejju 2011, emendat bil-Liġi Nru 106 tat-12 ta' Lulju 2011, li żiedet il-paragrafu 4a fl-Artikolu 10 tad-Digriet Leġiżlattiv Nru 368/01, li hija ta' natura li tibdel il-konsegwenzi ta' proċessi pendenti billi tippreġudika direttament il-ħaddiem filwaqt li tiffavorixxi lill-persuna li timpjega, li tkun l-Istat, u billi telimina l-possibbiltà, prevista fl-ordinament ġuridiku nazzjonali, li tiġi ssanzjonata l-konklużjoni abbużiva ta' kuntratti għal żmien determinat?

---

(1) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss (żmien determinat) konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u miċ-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

(2) Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

(3) Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali ta' l-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, p. 23).

(4) Direttiva tal-Kunsill 91/533/KEE, tal-14 ta' Ottubru 1991, dwar l-obbligazzjoni ta' min iħaddem li jgħarraf lill-ħaddiema bil-kondizzjonijiet applikabbli għall-kuntratt jew għar-relazzjoni tal-impjieg (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 2, p. 3).

---

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunale di Napoli (l-Italja) fis-7 ta' Frar 2013 — Fortuna Russo vs Comune di Napoli

**(Kawża C-63/13)**

(2013/C 141/22)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Qorti tar-rinviju**

Tribunale di Napoli

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

*Rikorrenti:* Fortuna Russo

*Konvenut:* Comune di Napoli

**Domandi preliminari**

(1) Fil-każ ta' relazzjoni ta' xogħol, meta għandu jitqies li l-persuna li timpjega hija l-"Istat" fis-sens tal-klawżola 5 tad-Direttiva 1999/70/KE [1], u b'mod partikolari fid-dawl tal-espressjoni "setturi u/jew kategoriji speċifiċi ta' ħaddiema", liema ħaġa b'hekk tippermetti li jiġu ġġustifikati konsegwenzi differenti meta mqabbla ma' dawk li jirriżultaw mir-relazzjonijiet ta' xogħol privati?

(2) Fid-dawl tal-preċiżazzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 3(1)(ċ) tad-Direttiva 2000/78/KE ([2]) u fl-Artikolu 14(1)(ċ) tad-Direttiva 2006/54/KE ([3]), il-kunċett ta' kundizzjonijiet tal-impjieg, imsemmi fil-klawżola 4 tad-Direttiva 1999/70/KE, jinkludi fih il-konsegwenzi tal-interruzzjoni illegali tar-relazzjoni ta' xogħol? F'każ ta' risposta fil-pożittiv għad-domanda preċedenti, il-konsegwenzi differenti li l-leġiżlazzjoni nazzjonali torbot normalment mal-interruzzjoni illegali tar-relazzjoni ta' xogħol skont jekk hijiex għal żmien indeterminat jew għal żmien determinat, jistgħu jiġu ġġustifikati fir-rigward tal-klawżola 4?

(3) Abbażi tal-prinċipju ta' kooperazzjoni leali, Stat huwa pprojbit milli jiddeskrivi għall-attenzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, fil-kuntest ta' proċedura għal deċiżjoni preliminari bi skop ta' interpretazzjoni, kuntest leġiżlattiv nazzjonali li intenzjonalment ma jikkorrispondix mar-realtà, u l-qorti hija marbuta, fl-assenza ta' interpretazzjoni differenti tad-dritt nazzjonali li tissodisfa wkoll l-obbligi li jirriżultaw mill-appartenenza fl-Unjoni Ewropea, li tinterpreta jekk ikun possibbli d-dritt nazzjonali b'mod konformi mal-interpretazzjoni mogħtija mill-Istat?

([1]) Direttiva tal-Kunsill 1999/70/KE, tat-28 ta' Ġunju 1999, dwar il-ftehim qafas dwar xogħol għal żmien fiss (żmien determinat) konkluż mill-ETUC, mill-UNICE u mis-CEEP (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 3, p. 368).

([2]) Direttiva tal-Kunsill 2000/78/KE, tas-27 ta' Novembru 2000, li tistabbilixxi qafas ġenerali għall-ugwaljanza fit-trattament fl-impjieg u fix-xogħol (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 4, p. 79).

([3]) Direttiva 2006/54/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-5 ta' Lulju 2006, dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' opportunitajiet indaqs u ta' trattament ugwali tal-irġiel u n-nisa fi kwistjonijiet ta' impjiegi u xogħol (tfassil mill-ġdid) (ĠU L 204, p. 23).

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Naczelny Sąd Administracyjny (il-Polonja) fil-11 ta' Frar 2013 — Gmina Wrocław vs Minister Finansów

**(Kawża C-72/13)**

(2013/C 141/23)

*Lingwa tal-kawża: il-Pollakk*

### Qorti tar-rinviju

Naczelny Sąd Administracyjny

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrenti:* Gmina Wrocław

*Konvenut:* Minister Finansów

### Domandi preliminari

Id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE, tat-28 ta' Novembru 2006, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud ([1]) jipprekludu li jiġu sottomessi għall-VAT, l-atti ta' muniċipalità li jikkonsistu fil-bejgħ ta' beni, inklużi beni immobbli, akkwistati skont il-liġi jew mingħajr ħlas, b'mod partikolari permezz tas-suċċessjoni jew tad-donazzjoni, jew fil-kontribut tagħhom *in natura* lil kumpannija kummerċjali?

([1]) ĠU L 347, p. 1.

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Hoge Raad der Nederlanden (il-Pajjiżi l-Baxxi) fil-21 ta' Frar 2013 — Staatssecretaris van Financiën vs X

**(Kawża C-87/13)**

(2013/C 141/24)

*Lingwa tal-kawża: l-Olandiż*

### Qorti tar-rinviju

Hoge Raad der Nederlanden

### Partijiet fil-kawża prinċipali

*Rikorrent:* Staatssecretaris van Financiën

*Konvenut:* X

### Domandi preliminari

(1) Id-dritt tal-Unjoni, u b'mod partikolari l-leġiżlazzjoni dwar il-libertà ta' stabbiliment u l-moviment liberu tal-kapital, jipprekludi li persuna residenti fil-Belġju li, fuq talba tagħha, hija ntaxxata bħala persuna taxxabbli residenti fil-Pajjiżi l-Baxxi, u li sostniet spejjeż relatati ma' kastell li huwa l-abitazzjoni propja tagħha, li jinsab fil-Belġju u li huwa kkunsidrat f'dan l-Istat bħala monument u sit rurali protett, ma tistax tnaqqas dawn l-ispejjeż għat-tassazzjoni tad-dħul fil-Pajjiżi l-Baxxi, minħabba li l-kastell ma kienx irreġistrat fil-Pajjiżi l-Baxxi bħala monument storiku protett?

(2) F'dan ir-rigward sa fejn huwa rilevanti li l-persuna kkonċernata tista' tnaqqas, għat-taxxa fuq id-dħul fil-pajjiż ta' residenza tagħha, il-Belġju, dawn l-ispejjeż mid-dħul attwali jew ġejjieni tagħha li jorigina minn beni mobbli, permezz tal-għażla ta' tassazzjoni progressiva ta' dan id-dħul?

## Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Cour constitutionnelle (il-Belġju) fit-28 ta' Frar 2013 — Guy Kleynen vs Conseil des ministres

**(Kawża C-99/13)**

(2013/C 141/25)

*Lingwa tal-kawża: il-Franċiż*

### Qorti tar-rinviju

Cour constitutionnelle